# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 12**

**Appell Ċivili Numru 76/2014/1 JVC**

**John Portelli u martu Maria Portelli għal kull interess li jista' jkollha**

***v.***

**Ronald Parnis**

1. Dan huwa appell tal-atturi konjuġi Portelli minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru 2017 li biha ddeċidiet illi l-istess atturi ma rnexxilhomx jippruvaw, sal-grad rikjest mill-liġi, illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident awto-mobilistiku li seħħ fil-31 ta' Awwissu 2013 fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex, bejn il-mutur tal-attur u l-vettura '*pick-up*' tal-konvenut.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> »Illi din hija kawża dwar inċidenti awtomobilistiku li seħħ nhar il-31 ta' Awwissu, 2013 bejn il-mutur tal-attur John Portelli misjuq minnu bin-numru ta' reġistrazzjoni MJP 900 u l-vettura 'pick-up' misjuqa mill-konvenut Ronald Parnis li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni JAZ 831. L-inċident seħħ għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex. A fol. 34 tal-proċess jinsabu esebiti numru ta' ritratti meħuda mill-espert Max Xuereb imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Paul Coppini. Konsegwenza ta' dan l-inċident awtomobilistiku l-attur sofra ġrieħi li kkawżawlu debilita' permanenti. L-entita' ta' din id-debilita' permanenti tvarja fl-atti bejn dak dikjarat mill-espert ex parte Massimo Abela (fol. 14) li ddikjara debilita' ta' 25%, l-espert tal-Qorti Mr Ray Gatt (fol. 139) li ddikjara debilita' permanenti ta' 9% filwaqt li l-esperti mediċi addizzjonali (fol. 197) waslu għall-konklużjoni li l-attur sofra debilita' permanenti ta' 30%.«

3. Peress li jidhrilhom illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għal dan l-inċident l-atturi fetħu l-proċeduri odjerni sabiex jitolbu lill-qorti:

> »1. Tiddikjara illi l-inċident fuq imsemmi li seħħ fil-wieħed u tletin (31) ta' Awissu, elfejn u tlettax (31.08.2013), fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex, seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut;
>
> »2. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-attur, u dan kemm fir-rigward ta' danni emerġenti, kif ukoll lukri ċessanti.
>
> »3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas dawk id-danni hekk likwidati.
>
> »Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.«

4. Il-konvenut Ronald Parnis wieġeb hekk għar-rikors promotur tal-atturi:

> »1. ...
>
> »2. Subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi, u dan peress li għall-kolliżjoni in kwistjoni huwa unikament responsabbli l-istess attur John Portelli li fil-mument tal-kolliżjoni kien qiegħed isuq b'mod traskurat, negliġenti, imprudenti, u naqas milli jħares ir-regolamenti tat-traffiku;
>
> »3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »Għaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddikjara li l-attur naqas li jipprova t-talbiet attriċi sal-grad rikjest mil-liġi kif dedotti fil-konfront tal-

konvenut, tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attur.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat

»...

»...

»Illi mill-provi miġbura jirriżulta li għalkemm involut fl-inċidenti l-attur isostni li ma jiftakar xejn mill-istess inċident u għaldaqstant din il-Qorti hija sprovvista mill-versjoni dwar kif seħħ l-inċident da parti tal-attur. Fl-affidavit tiegħu huwa jixhed kif isegwi:

»'Fil-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu elfejn u tlettax (2013), niftakar illi ħriġt bih mid-dar wara nofsinhar. Kelli crash helmet ta' lewn aħmar. Mort sal-Knisja tal-Madonna Ta' Pinu u wara kont sejjer dawra lejn l-Imġarr u kien fi ħsiebi ninġabar id-dar. Niftakar illi kont għaddej medja ta' erbgħin jew ħamsa u erbgħin kilometri fis-siegħa. Jien ma kontx inġerri ħafna bħala veloċita' anke jekk il-mutur kellu kapaċita' ta' 900cc. Dik kienet il-veloċita li normalment dejjem soqt biha.

»L-aħħar li niftakar huwa li kont sejjer minn Victoria, għad-direzzjoni tax-Xewkija. Niftakar li għaddejt minn quddiem l-għassa tal-Pulizija tar-Rabat. Minn hemm ma niftakarx x'ġara. Ma' l-inċident tlift il-memorja ta' x'ġara minn hemm 'il quddiem. Ma niftakar xejn mill-aċċident. Niftakar biss li meta ġejt f'sensija kont l-Isptar. Li seħħ wara nafu għaliex spjegawli l-familjari.' (Affidavit tal-attur a fol. 10 tal-proċess)

»Fil-kopja tax-xhieda tal-attur fil-proċeduri kriminali li ġew esebiti wkoll fl-atti odjerni l-attur jixhed li huwa jiftakar li wasal sal-iskola tar-Rabat u cioe' ftit aktar 'il isfel mill-għassa tal-pulizija, jgħid li tefa' l-mutur free fejn l-Astra u qal issa jmur sax-Xatt bil-kwiet. Wara ma jiftakar xejn aktar għajr li fetaħ għajnejh sittax-il ġurnata (16) wara. (Ara fol. 116 sa 117). Isostni wkoll li huwa sakemm jiftakar kien għaddej b'veloċita' ta' erbgħin sa ħamsa u erbgħin kilometri fis-siegħa.

»Apparti l-attur, xhieda tal-inċident kien hemm il-konvenut Ronald Parnis, ir-raġel ta' oħtu Noel Tabone kif ukoll sewwieq ta' vettura li kienet pożizzjonata wara numru ta' vetturi wara l-konvenut ċertu Lee Philips.

»Fil-proċess odjern din il-Qorti għandha versjonijiet tal-konvenut mogħtija f'istanzi diversi tal-proċeduri kif isegwi:

»A fol. 42 tal-proċess jinsab esebit ir-rapport tal-pulizija meħud mis-Surġent Jason Xerri fejn il-versjoni tal-konvenut immedjatament wara l-inċident taqra kif isegwi:

»'Kont sejjer lejn ix-Xewkija u x'ħin wasalt fejn il-ground tax-Xewkija għamilt l-indicator biex nikser ġo side street u kulma naf hu li ħassejt daqqa kbira fil-bieba tan-naħa tiegħi.'

»A fol. 147 tal-proċess jinsab esebit l-affidavit tal-konvenut Ronald Parnis fejn huwa jiddeskrivi l-inċident kif isegwi:

»'Bdejna mexjin għal triqtna fi Triq l-iMġarr, fid-direzzjoni tax-Xatt, u meta għaddejna minn ħdejn il-mekkanik waqqafna ftit, innutajna li l-mekkanik kien magħluq u għalhekk konna ser nirritornaw lura lejn it-Taflija, minfejn konna ġejna. Biex nispjega lill-mekkanik jinsab madwar sittin (60) metru minn ħdejn il-bini tal-Headquarters tal-Gozo Football Association.

»Ngħid li aħna komplejna nsuqu fid-direzzjoni tax-Xatt, malli għaddejna l-entratura tal-ground tal-football ftit metri 'l fuq fid-direzzjoni lejn ix-xatt xgħelt l-indicator biex inkun nista' nikser fuqi lejn dak il-parking li hemm fuq in-naħa opporta tal-ground tal-football. Nispjega li biswit il-ground hemm speċi ta' parking żgħir 'il ġewwa mis-central strip.

»Malli qrobt lejn l-entratura tal-parking, naqqast il-veloċita', kważi kważi għal kollox u tista' tgħid li kont kważi waqaft, ħarist mill-faċċata biex nara jekk kienux ġejjin vetturi mid-direzzjoni opposta, jiġifieri min-naħa tax-xatt u ngħid li ma rajt lil ħadd. Inżid ngħid li quddiemi ma niftakarx li kien hemm karozzi, u jekk kien hemm kienu 'l bogħod ħafna peress li jiena kont miexi bil-mod għax kelli l-ħsieb li nikser għal ġol-parking.

»Ħarist ukoll mill-mera tan-naħa tiegħi biex nara kienx hemm vetturi li kienu jaqilgħu minn warajja, iżda ma rajt lil ħadd u għalhekk jiena bdejn ftit ftit nikser lejn id-direzzjoni tal-parking.

»Kont diġa rsaqt bit-trakk kollu fil-karreġġjata opposta. Fid-daqqa u l-ħin nisma' ħoss qawwi u daqqa fil-bieb tiegħi. Jiena immedjatament għafast il-brejk tista' tgħid istintivament u waqaft. B'mod awtomatiku dawwart rasi lejn in-naħa tiegħi u nara l-mutur li kien għadu kif ħabat fil-bieba tiegħi kompla miegħi fid-direzzjoni li konna sejrin fiha aħna u baqa' dieħel fil-ħajt. Ngħid li l-mutur kien għaddej b'veloċita' qawwija, tant infatti li għamel ħsara fil-bieba tat-trakk u baqa' dieħel fil-ħajt bil-konsegwenza li tkisser u s-sewwieq tal-mutur weġġa serjament. Inżid ngħid illi meta ħarist, ċert illi dan il-mutur ma kontx rajtu qabel, u biex tfaċċali f'salt b'dak il-mod, u laqatni b'saħħa tali li l-bieba tiegħi lanqas setgħet tinfetaħ, u l-mod kif tkaxkar, għaliha huma kollha indikattivi li dan kien qiegħed iġerri.

»Jiena nnutajt lis-sewwieq jitkaxkar ma' l-art filwaqt li l-mutur baqa' dieħel head on fil-ħajt. Il-mutur biex tgħaxxaq, wara li ħabat fil-ħajt reġa' nqaleb fuq ġenb u spiċċa fuq is-sewwieq li kien taħtu.

»Jiena tfejt it-trakk għal kollox, tajt is-salt biex noħroġ mit-trakk, pruvajt niftaħ il-bieba iżda ma setgħetx tinfetaħ. Qbiżt minn ġot-tieqa tan-naħa tiegħi u bqajt sejjer dirett lejn is-sewwieq. Noel kien diġa' hemm. Niftakar li s-sewwieq kien qiegħed jokrob bl-uġiegħ. Minnufih ċempilna l-ambulanza u neħħejt il-mutur minn fuq is-sewwieq. Ngħid illi mutur kulma għamilna kien li erfajnieh fl-istess post bil-wieqaf mingħajr ma ħarriknieh mill-posizzjoni li kien jinsab.'

»A fol. 171 et seq tal-proċess il-konvenut mistoqsi diversi drabi kemm mill-kontro-parti kif ukoll mill-Qorti jibqa' jikkonferma li huwa kien jaf li kien hemm il-karozzi warajh u li hu ħares lura mill-mera tan-naħa tiegħu sabiex jara li ma hemm ħadd qed jipprova jaqbeż minn wara qabel ma għamel il-manuvra sabiex jidħol fis-'side-road':

»'Avukat: Jiġifieri int ma tajtx każ x'kien ġej warajk? Li rajt min kien ġej fil-faċċata fejn kont ser taqsam.

»Xhud: Fejn kont ser naqsam iva, imma rajt jekk minn wara hux ġej xi ħadd.

»Avukati: Rajt.

»Xhud: Fuq id-direzzjoni l-oħra. Jekk hux ħiereġ biex jaqla' xi ħadd.

»Qorti: Xi ħadd hux qed jaqla' lilek?

»Xhud: Il-bqija, jekk tara karozza warajk... ...

»Qorti: deherlek li għandek tara?

»Xhud: Iva, deherli li għandi nara, rajt minn ġol-mera, jekk hux xi ħadd qed jaqla'...

»Qorti: Biex tara jekk hux qed jaqbeż xi ħadd.

»Xhud: Karozzi warajja kien hemm, kien hemm.

»Avukat: U inti fejn innotajt illi kien hemm? Ħarist fil-mera tiegħek, jew fil-mera tan-nofs jew x'imkien?

»Xhud: F'tiegħi, fil-mera tiegħi.

»Avukat: Ħarist fil-mera tiegħek u rajt karozzi ġejjin warajk qed tgħidilna?

»Xhud: Kien hemm karozzi ġejjin warajja.

»Avukat: Il-mutur rajtu ġej warajk?

»Xhud: Le ma rajtux.

»Avukat: Jaqla' l-anqas rajtu?

»Xhud: Le....

»Qorti: Jiġifieri inti x'ridt tara eżatt minn ġol-mera? X'iċċekkjajt?

»Xhud: Iċċekkjajt jekk hux qed jaqla' xi ħadd, biss.

»Qorti: Xi ħadd, jiġifieri ġej mill-istess direzzjoni tiegħek u ħa jaqilek, dik li ċċekkjajt?

»Xhud: Iva.'

»Jinsisti u jiċħad ukoll fil-kontro-eżami tiegħu li huwa kien beħsiebu jagħmel U-turn kif ġie suġġerit diversi drabi lilu mill-avukat tal-kontro-parti.

»Noel Tabone il-passiġġier fil-vettura misjuqa mill-konvenut wkoll ta l-verżjoni tiegħu immedjatament wara l-inċident lis-Surġent Xerri kif isegwi:

»'konna sejrin lejn ix-Xewkija u konna ser niksru għal ġot-triq li hemm faċċata tal-ground u smajt ħabta kbira ġol-bieba tax-xufier.'

»Fix-xhieda tiegħu fl-atti tal-proċeduri kriminali esebita a fol. 111 isostni kif isegwi:

»'konna tilgħin Triq l-Imġarr... lejn ix-Xatt... fuq is-seat tal-passiġġier... x'ħin wasalna qisu fejn il-bieb tal-.., aħna konna ħa nduru għal ġo dak il-parking li hemm quddiem tal-ground u qisu quddiemu, quddiem il-bieb tal-ground qisu xi mitt metru qabel induru xegħel l-indicator u bqajna tilgħin bil-mod u ħa nibdew induru kif konna kważi jiġifieri dorna fid-daqqa u l-ħin nisma' l-ħabta mal-Pick up...

»Spettur: Issa għidt li xegħel l-indicator l-imputat u kontu laħaq waqaf kien għadu miexi x'ħin ħassejtu l-ħabta, x'ġara?

»Xhud: Kif ħassejna l-ħabta eżatt waqaf...

»Spettur: Jiġifieri kien ħa jibda dieħel.

»Xhud: Le kien kważi daħal.'

»Dan ix-xhud jikkonferma li l-mutur ukoll rah mal-ħabta u mhux qabel. Jinsisti li r-roti ta' quddiem tal-pick-up kienu qabżu l-linja li tifred il-'main-road' minn mas-'side road'. Dan spjegah aħjar fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti a fol. 156 tal-proċess. Dan huwa korroborat mir-ritratti esebiti mill-espert fotografiku a fol. 34 b'mod partikolari ritratt MX1 għalkemm il-'pick-up' mhux neċċessarjament seta' waqaf eżatt mal-'brake' u cioe' eżatt fejn seħħ l-impatt tant li xhud okulari li għalih issir referenza aktar 'il isfel Lee Philips (fol. 94 et seq) isostni li l-inċident seħħ fin-nofs tal-'lane opposta' u li l-'pick-up' kien pożizzjonat b'tali mod li kien qed jagħlaq l-istess 'lane'.

»Fuq mistoqsija diretta tal-Qorti Kriminali dan ix-xhud meta mistoqsi jekk rax lill-konvenut Ronald Parnis jixgħel l-indicator jikkonferma li iva.

»Dwar jekk l-indicator tal-'pick-up' kienx jaħdem jew le, is-Surġent Jason Scerri f'diversi partijiet tax-xhieda tiegħu fl-atti jikkonferma li huwa x'ħin mar fuq il-post iċċekkja jekk l-'indicator' kienx jaħdem u x'ħin il-konvenut startja l-van l-indicator xegħel (ara fost oħrajn fol. 40).

»Illi apparti l-konvenut u l-passiġġier ta' miegħu kif ġia aċċennat 'il fuq kien hemm ukoll persuna oħra ċertu Lee Philips (fol. 94 et seq) li resaq sabiex jagħti x-xhieda tiegħu fl-atti tal-inkjesta u kriminali dwar x'ra hu mill-inċident u jiddeskrivi l-inċident kif isegwi:

»'I was driving towards the port in a line of traffic, there were maybe four or five vehicles, cars, in front of me, the traffic was driving along at a steady speed, perhaps thirty, forty kilometres an hour (30-40 kms.h). All of a sudden I saw a truck make a turn towards the right towards a layby and then I saw a motor cycle hit the side of the truck. He obviously lost control and then veered off and then I lost sight of him, obviously went into the wall... I think the speed was probably about forty kilometres an hour... the traffic was going along at a normal speed, there was quite a lot of traffic in front, nothing unusual.'

»Mistoqsi jekk rax il-vetturi involuti fl-inċident qabel l-inċident jirrispondi:

»'No, no. The first time I saw them was when the incident actually happened... The first time I saw anything was when I saw a truck that obviously was turning right and the motorcycle hit the truck. That's the first time I saw anything.'

»Jixhed ukoll li fl-ebda mument qabel l-inċident ma' l-vetturi waqfu 'at a standstill' iżda baqgħu għaddejjin 'travelling along at a normal pace.'

»Dwar id-direzzjoni tal-vann tal-konvenut meta kien qed idur jirrispondi:

»'Advocate: All right, but am I correct to say that on the other side of the road, all right, there is a parking area, a parking space, and there is an opening into this parking space?

»Witness: There is an opening yes.

»Advocate: So could it be, all right, according to your judgement that Mr Parnis was entering into this side of the road?

»Witness: Yes, he was turning right into it.'

»Dwar fejn seħħ eżatt l-inċident dan ix-xhud jgħid (fol. 95):

»'In the opposite lane, in the lane coming ... right in the middle. By the time the truck ... it was in the middle. It was blocking the lane.'

»Dwar is-saħħa tal-impatt jixhed:

»'The impact was quite a strong blow because he sort of hit it and lost control totally as he hit the van and then went off, you know, sort of... off toward the wall, so it was quite a strong impact... he hit the vehicle and then he mounted the pavement and I think he hit the wall, hit a big wall and then fell on to the pavement and the bike was on top of him, the bike was lying on top of him and he was on the pavement, injured on the pavement.'

»Illi mir-ritratti esebiti mill-espert Max Xuereb l-Qorti tqis li huwa pjuttost ċar fejn seħħ l-inċident u cioe' fil-'lane' opposta għal dik li l-vann tal-konvenut kien qed isuq. Mill-posizzjoni tal-istess van jidher ċar kif ukoll ikkonferma x-xhud okulari li l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jidħol fit-triq tal-ġenb. Mil-linji li jidhru fit-triq jidher li din hija manuvra li l-konvenut seta' legalment jagħmilha. Mill-istess ritratti b'mod partikolari mill-għafsa mhux żgħira fil-bieba fuq in-naħa tas-sewwieq tal-vann jidher li l-impatt tal-mutur ma' l-istess vann ma kienx wieħed żgħir. Il-mutur tal-attur baqa' jitkaxkar u ħabat mal-ħajt tant li s-surveyor ikkonferma li dan il-mutur minn mutur miżmum ferm tajjeb spiċċa dikjarat 'total-loss' (ara xhieda tas-surveyor a fol. 80 tal-proċess u s-survey esebit a fol. 84). Din il-Qorti tqis li kemm l-entita' tad-daqqa mal-vann kif ukoll kif il-mutur baqa' jitkaxkar u l-ħsara estensiva fih jevidenzjaw li l-attur ma kienx qed isur bil-mod bl-erbgħin jew ħamsa u erbgħin kilometru fis-siegħa kif sostna li kien qed jagħmel sa fejn jiftakar sa ħdejn l-iskola tar-Rabat iżda probabilment kien qed isuq b'veloċita' aktar elevata.

»Illi dawk suesposti huma l-uniċi provi li għandha din il-Qorti dwar kif seħħ l-inċident in kwistjoni. Il-konvenut jinsisti li hu ħa l-prekawzjonijiet kollha qabel ma għamel il-manuvra u cioe' qabel dar sabiex jidħol fis-'side-road'. Jinsisti li xegħel l-'indicator' ħares fil-'lane' opposta u ma rax karozzi ġejjin, ħares fil-mera tal-ġenb tiegħu u ma rar lil ħadd ġej minn warajh biex jaqbżu u x'ħin ma ra lil ħadd kompla bil-manuvra biex jidħol fis-'side-road'.

»Da parti tiegħu l-attur fis-sottomissjonijiet tiegħu jinsisti li l-konvenut waqt li kien qed jagħmel din il-manuvra, liema manuvra hija waħda legalment permissibbli kif jammetti l-istess attur fis-sottomissjonijiet tiegħu, naqas milli jżomm 'proper look-out' għaliex skont l-attur li kieku l-konvenut żamm 'proper lokk-out' ma setax ma jarax lill-attur ġej bil-mutur minn warajh.

»Għalkemm din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attur li l-konvenut, anki f'manuvra legalment permissibbli kellu l-obbligu li jżomm 'a proper look-out' mill-provi miġjuba quddiemha tqis li dawn mhumiex biżżejjed sabiex jevidenzjaw sal-grad tal-probabbli rikjest mil-liġi li l-konvenut ma żammx din il-'proper look-out'. Fil-fatt jirriżulta li ma ġiet kontradetta bl-ebda mod ix-xhieda tal-konvenut u tal-

passiġġier li l-konvenut fil-fatt xegħel l-'indicator' ferm qabel huwa għamel il-manuvra biex jaqsam il-'lane' opposta. In oltre x-xhud terz Lee Philips li kien qed isur ftit karozzi wara jikkonferma li kien hemm it-traffiku u li dan kien miexi bil-mod allura dan jikkonferma li kien hemm it-traffiku u li dan kien miexi bil-mod allura dan jikkonferma wkoll li l-konvenut ma setax kien qed isuq ħafna fil-mument li ġie biex jagħmel il-manuvra anzi jikkorrobra dak li jixhed u li cioe' huwa naqqas il-veloċita'. Jirriżulta wkoll lill-Qorti li ma kienx il-konvenut biss li ma rax il-mutur ta' l-attur ġej qabel ma seħħ l-inċident, iżda l-istess xhud terz jikkonferma li qabel l-inċident huwa ma rax il-mutur għalkemm dan suppost kien quddiemu! Din il-Qorti ssibha ferm diffiċli li jekk l-attur kien qed isuq fuq in-naħa ta' barra tal-vetturi quddiem il-vettura ta' Lee Philips, li dan tal-aħħar ma jkunx raħ quddiemu qabel seħħ l-inċident. Dan kollu allura jqajjem dubji kbar f'moħħ din il-Qorti minn fejn ġie l-attur qabel ma seħħ l-inċident u wkoll il-veloċita' li kien qed isuq biha. Din il-Qorti tista' taħseb f'ħafna probabbiltajiet dwar minfejn seta' ġie l-attur bħal per eżempju seta' kien qed isuq fuq in-naħa ta' ġewwa u x'in sab it-traffiku miexi bil-mod iddeċieda li jaqbeż il-barra u jaqbeż il-vettura tal-konvenut u għalhekk dan jiġġustifika l-fatt li l-konvenut ma jkunx rah, f'liema każ l-inċident żgur ma seħħx tort il-konvenut iżda tort tal-imprudenza tal-istess attur. Il-Qorti iżda tista' taħseb ukoll f'xenarju ieħor fejn l-attur kien qed isuq kompletament 'wrong-side' tant li l-inċident seħħ fil-'lane opposta' tista' tgħid fuq in-naħa tax-xellug tagħha meta tħares mir-Rabat filwaqt li l-vann kien kważi daħal fis-'side-lane'. Il-Qorti għalhekk tistaqsi x'kien qed jagħmel l-attur isuq kompletament 'wrong-side' u tistaqsi jekk minn fejn effettivament ġie l-attur setax jarah il-konvenut mill-mera tiegħu jew jekk l-attur kienx barra mill-viswal tal-mera għaliex tant kien qed isuq 'wrong-side' li lanqas il-mera ma qabditu. Il-konvenut xehed u dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhieda l-oħra li mill-'lane' opposta ma kienux ġejjin karozzi u għalhekk l-attur seta' faċilment abbuża minn dan il-vojt u prova jaqbeż lill-konvenut u ġara dak li ġara. Dawn huma biss eżempji ta' diversi xenarji possibbli li din il-Qorti tista' taħseb dwar kif seta' seħħ l-inċident min-naħa tal-attur liema xenarji wkoll ikunu konformi mal-provi li tressqu quddiemha.

»Il-Qorti temfasizza li għalkemm huwa minnu li l-konvenut kellu l-obbligu tal-'proper look-out' anki l-attur kellu l-istess obbligu. Il-Qorti mill-provi li għandha quddiemha fl-atti ta' dan il-proċess tqis li ma tressqitx prova adegwata sal-grad rikjesta mil-liġi u cioe' dak tal-probabbli li l-konvenut naqas li jżomm il-'proper look-out' kif kien obbligat li jagħmel u li konsegwenza ta' hekk seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur. Dan huwa wkoll riżultat li wara li din il-Qorti għarblet il-provi kollha mressqa quddiemha l-istess Qorti ma setgħetx teskludi xenarji oħra dwar kif probabbilment seta' seħħ l-inċident. Il-Qorit tagħmilha ċara li mhijiex qed issostni li l-inċident ġara mod jew ieħor iżda qed tindika biss li ma tressqux biżżejejd provi sabiex jindikaw lilha li l-inċident seħħ tort il-konvenut għaliex jirriżultaw diversi xenarji oħra dwar kif probabbilment seta' ġara l-inċident tant li ma tqisx li ġie pruvat lilha sal-grad tal-probabbli d-dinamika vera tal-inċident. Sfortunatament il-fatt li l-attur tilef il-memorja dwar x'kien qed jagħmel qabel l-inċident u kif seħħ l-inċident ma għenx fit-tfittxija tal-verita' dwar dan l-inċident.

»Illi għalkemm huwa minnu li l-grad tal-prova fil-kamp ċivili huwa anqas minn dak fil-kamp kriminali din il-Qorti ma tistax taqbad u

tagħżel waħda minn diversi probabbiltajiet dwar kif seta' seħħ l-inċident in kwistjoni u taqbad u tiddeċiedi li l-inċident ġara mod u mhux mod ieħor la ma għandhiex biżżejjed provi li fuqhom tkun tista' sserraħ il-ġudizzju tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li l-attur ma rnexxielux jipprova t-talba tiegħu li l-konvenut kien il-persuna responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li fih l-attur sfortunatament sofra debilita' permanenti u għaldaqstant ma għandhiex alternattiva għajr li tiċħad it-talbiet attriċi.«

7. L-atturi konjugi Portelli appellaw mis-sentenza appellata b'rikors tad-9 t'Ottubru 2017 li għalih wieġeb il-konvenut fil-31 ta' Ottubru 2017.

8. L-appell tal-atturi jolqot l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti. Skond huma l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddeċidiet li ma tressqux biżżejjed provi biex juru li l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni seħħ unikament tort tal-konvenut. L-aggravju tagħhom ġie mfisser hekk:

»Illi l-Ewwel Qorti qalet illi l-attur ma rnexxilux jipprova t-talbiet attriċi sal-grad rikjest mil-liġi li bir-rispett kollu din hija deċiżjoni kompletament żbaljata għaliex anke jekk l-attur ma xhedx minħabba li tilef il-memorja, li ġietu lura sittax-il ġurnata wara, x'ħin stembaħ minn *coma* li waqa' fiha, anke' d-dinamika tal-inċident tagħti spjegazzjoni ċara ta' kif seħħew l-affarijiet u min għandu tort u ħtija ta' dan l-inċident.

»Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti jiftehem li ma kienx hemm provi biżżejjed sabiex l-Ewwel Qorti tasal fuq konvinċiment fuq bażi ta' probabbilita' dwar min seta' kien il-ħtija ta' dan l-inċident. L-esponenti jissottometti illi dan qatt ma seta' kien il-każ għaliex fil-każ in eżami m'hawnx kwistjoni ta' verżjoni kontra l-oħra, b'mod li waħda teskludi lil oħra jew toħloq xi dubju f'moħħ il-ġudikant li ma tħallihx seren jiddeċiedi liema waħda mill-verżjonijiet hija veritjiera, iżda l-verżjoni tal-partijiet, jew aħjar, tal-mod kif ġara l-inċident, huma komplimentari ma' xulxin. M'huwiex miċħud illi l-konvenut kien qed isuq vettura jsegwi t-traffiku u f'daqqa waħda għamel manuvra biex jidħol fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Min-naħa l-oħra lanqas hu miċħud minn imkien illi l-attur kien ġej minn naħa ta' wara bil-vettura tiegħu u sab it-triq tiegħu mblokkata bil-vettura tal-konvenut. Dan huwa l-mod kif seħħ l-inċident u l-esponenti jissottometti illi fuq dak biss l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet dwar min u m'għandux tort fl-inċident de quo.

»Dak illi rriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti hu ferm aktar bikri u l-ewwel Qorti marret fi stadju aktar bażiku u ferm aktar lura minn dawn il-fatti għaliex il-Qorti qalet illi m'hemmx prova illi l-inċident seħħ da parti tal-konvenut. … … …

»...

»Il-Qorti allura jeħtiġilha tara jekk il-versjoni l-waħda għandhiex teskludi lil oħra fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet. B’hekk ukoll jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa’ fuq l-iskappatorja tad-dubju u ssib rifuġju mir-regola ta’ “in dubio pro reo”...

»...

»Iżda kif ġie osservat aktar ‘il fuq m’hawn l-ebda kwistjonijiet ta’ konflitt. Il-mod kif ġara l-inċident huwa ċar u qatt ma kien ekwivoku għal xi ħadd anzi dan ġie ben tajjeb deskritt minn xhud okulari li nzerta kien għaddej isuq fil-ħin tal-inċident. L-esponenti umilment jissottometti bir-rispett kollu illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel dak li kien dmir tagħha li tagħmel u abbażi tal-fatti quddiemha tasal min kien il-ħtija tal-inċident, jew almenu f’liema grad, dan meta l-fatti tal-inċident kienu ċar. Il-Qorti tidħol f’ħafna suppożizzjonijiet gratuwiti li ma jirriżultawx mill-provi. Suppożizzjonijiet li kultant spiċċaw kontradetti mir-raġunament tal-Qorti stess hekk per eżempju a fol ħmistax (15) tas-sentenza tgħid illi l-fatt li:

»“Il-mutur baqa’ jitkaxkar u l-ħsara estensiva fih jevidenzjaw li l-attur ma kienx qed isuq bil-mod bl-erbgħin jew ħamsa u erbgħin kilometru fis-siegħa kif sostna li kien qed jagħmel sa fejn jiftakar sa ħdejn l-iskola tar-Rabat iżda probabilment kien qed isuq b’veloċita’ aktar elevata.”

»Sussegwentament fil-paġna sittax (16) tas-sentenza il-Qorti tgħid:

»“Din il-Qorti tista’ taħseb f’ħafna probabbilitajiet dwar minfejn seta’ ġie l-attur bħal per eżempju seta’ kien qed isuq fuq in-naħa ta’ ġewwa u x’ħin sab it-traffiku miexi bil-mod iddeċieda li jaqbeż il-barra u jaqbeż il-vettura tal-konvenut.”

»Din iż-żewġt osservazzjonijiet huma kontradittorji għal xulxin. Dan għaliex b’inferenza toħroġ mill-fatt li meta wieħed ikun qed isuq fuq in-naħa ta’ ġewwa tat-triq f’każ fejn kien hemm serbut ta’ traffiku u t-traffiku kien miexi bil-mod, bl-ebda mod ta’ immaġinazzjoni ma jista’ jġiegħel lil wieħed jissoponi li dan ħareġ minn ġol-linja tat-traffiku b’dik il-veloċita li semmiet aktar qabel il-Qorti.

»Il-Qorti terġa tmur għal preżunzjoni oħra li literalment tvarja mit-tnejn aktar il-fuq imsemmija u tgħid:

»“Il-Qorti iżda tista’ taħseb ukoll f’xenarju ieħor fejn l-attur kien qed isuq kompletament wrong-side tant li l-inċident seħħ fil-lane opposta.”

»Dan ma seta’ qatt kien il-każ għaliex kieku, apparti li l-konvenut seta’ jarah jekk dan verament ħares fil-mera’ tal-ġenb, dan kien ikun ferm viżibbli għax-xhud Lee Phillips li kellu l-opportunita’ jara l-kolliżjoni ssir.

Il-fatt li ftit wara l-kolliżżjoni il-vetturi spiċċaw fuq in-naħa l-oħra tat-triq ma jfissirx illi l-kolliżjoni seħħet propju hemm, lanqas ifisser li l-attur kin qed isuq wrong-side. Jirriżulta fil-fatt illi l-mutur ma' l-impatt mexa lejn il-lemin tiegħu, fl-istess direzzjoni illi mexa ukoll is-sewwieq. Dan faċilment jista' juri u jfisser li kien l-impatt u d-daqqa mal-vettura tal-konvenut illi bagħtet lill-mutur u lis-sewwieq f'dik id-direzzjoni.

»Kuntrarjament għal dak li tgħid l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-ħsara fil-mutur m'hijiex daqshekk estensiva. Wieħed ma jridx jinsa' illi mutur m'huwiex bħal karozza li b'sempliċi impatt normalment ser jispiċċa jitgerbeb lejn direzzjoni jew oħra. Kieku verament kien qed isuq b'veloċita' l-attur kien jispiċċa probabbilment jittajjar minn fuq il-mutur f'direzzjoni dritta u mhux jitgerbeb ma' l-art fl-istess direzzjoni tal-mutur.

»Fil-fatt dwar il-veloċita', fil-fatt hija karatteristika komuni meta mutur ikun involut f'ħabta ikun qed jinstaq b'veloċita' hija li s-sewwieq itir minn fuq il-mutur u s-sewwieq u l-mutur jispiċċaw il-bogħod minn xulxin. Dan ma kienx il-każ odjern. Kieku verament l-attur kien qiegħed isuq fuq in-naħa ta' barra tas-serbut ta' karozzi dan żgur li kien ser ikun viżibbli għax-xhud Lee Phillips, speċjalment kieku għadda minn ħdejh, iżda Lee Philipps jgħid ċar u tond illi:

»"The first time I saw anything was when I saw a truck that obviously was turning right and the motorcycle hit the truck."

»Dan jikkonferma l-verżjoni attriċi illi l-mutur kien qed jinstaq eżatt wara t-truck u ħaba fih meta istantanjament dan qabad immanuvra right-turn u mblokkalu l-karreġġjata.

»Wieħed jista' jaħseb f'diversi raġunijiet għalfejn l-attur bil-mutur spiċċa fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Jista' jkun prova jagħmel manuvra evażiva; jista' jkun illi tkaxkar bid-daqqa li ħa mal-vettura; u jistgħu jkunu diversi fatturi oħrajn, iżda hu x'inhu, joħroġ ċar illi kien il-konvenut illi istantanjament qabad u mblokka l-karreġġjata tal-attur meta fettillu jagħmel right-turn mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa. Right-turn, speċjalment meta wieħed irid joħroġ minn linja ta' traffiku, tirrikjedi ammont ta' attenzjoni u proper look-out. Il-prinċipju li jirregola l-attenzjoni li għandha tispetta lis-sewwieq li jittenta jagħmel right-turn ġie trattat b'mod dettaljat fis-sentenza fl-ismijiet Rolando Cusimano –vs- Luke Gauci nomine, deċiża mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-seba' ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (07/10/2005), fejn ġie osservat illi:

»...

»Il-konvenut jgħid illi qabel il-manuvra tiegħu għamel l-indicator fatt illi ingħata konsiderazzjoni ferm importanti minn l-Ewwel Qorti. L-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza Il-Pulizija –vs- Ivan Vella, Appell numru mija u disgħa u tletin tal-elfejn u wieħed (139/01), deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlieta ta' Ottubru tal-elfejn u wieħed (03/10/2001) ġie ritenut illi:

»"Il-fatt li sewwieq jixgħel l-indicator tiegħu ma jfissirx li hu jista' jaqbad u jagħmel il-manuvra tiegħu mingħajr ma jieħu wkoll, u minn qabel, kull prekawzjoni meħtieġa biex jara li ma jiġix kawżat xi inċident. L-obbligu tal-proper look-out, tas-sewqan prudenti, jibqa' xorta waħda fuq is-sewwieq irrispettivament jekk jixgħelx l-indicator jew le. L-indicator ismu miegħu, juri jew jindika biss dak li bi ħsiebu jagħmel is-sewwieq, u ma jagħtih ebda' dritt li jagħmel xi manuvra mingħajr ma wkoll jesplora dak kollu li qed jiġri madwaru. Sewqan prudenti jitlob li meta wieħed sejjer jagħmel manuvra konsistenti f'right hand turn hu għandu jixgħel indicator f'ħin u distanza adegwata qabel il-punt fejn irid jagħmel ir-right turn, jieqaf eżattament qabel ma jibda jdur u jesplora t-triq sewwa, minn kull naħa u angolu, sabiex jara li għandu "a clear way" qabel ma jkompli bil-manuvra li jrid jagħmel. Hu biss wara li jara li m'hemm ebda traffiku ieħor fil-viċinanzi tiegħu li sewwieq prudenti għandu jagħmel il-manuvra ta' "a right hand turn". Ovvjament, sewwieq f'tali ċirkostanzi jibqa' obbligat ukoll li jara anke jekk hemmx xi traffiku ġej warajh jew jekk hemmx xi traffiku li ġia' beda jissorpassah fil-mument li hu jibda jagħmel il-manuvra tar-right hand turn."

»Il-verżjoni tal-konvenut dwar x'għamel u m'għamilx qabel ma ġie biex jagħmel il-manuvra tiegħu hija waħda ingarbuljata għal l-aħħar. Fl-affidavit tiegħu jgħid illi apparti li ħares faċċata "ħarist ukoll mill-mera tan-naħa tiegħi biex nara kienx hemm vetturi li kienu qed jaqilgħu minn warajja, iżda ma rajt lil ħadd u għalhekk bdejt ftit ftit nikser lejn id-direzzjoni tal-parking."

»Fil-kontro-eżami tiegħu, fl-ewwel ta' Diċembru tal-elfejn u sittax (01/12/2016), jgħid illi l-vetturi li kien hemm warajh u li rrefera għalihom ix-xhud Phillips ma rahomx:

»"Il-Qorti:

»Mela fi x'ħin ħarist fil-mera' għax kont ser tikser, rajt karozzi warajk?

»Ix-xhud:

»Ma rajtx minn hemmhekk."

»Imbagħad ix-xhud jgħid illi ħares biss biex jara jekk kinitx ġejja xi vettura li tissorpassa u ma rax. Jgħid pero' li kien konxju li warajh kien hemm vetturi.

»"Il-Qorti:

»Jiġifieri inti x'ridt tara eżatt minn ġol-mera? X'iċċekkjajt?

»Ix-xhud:

»Iċċekkjajt jekk hux qed jaqla xi ħadd biss.

»Il-Qorti:

»Xi ħadd, jiġifieri ġej mill-istess direzzjoni tiegħek u ħa jaqilek, dik li ċċekkjajt?

»Ix-xhud:

»Iva.”

»Huwa prinċipju assodat f’materia ta’ kolliżżjonijiet illi fejn parti nvoluta f’inċident tat-traffiku tiddikjara li lill-parti l-oħra ma jkunx raha qabel l-inċident. Dak fih innifsu jikkostitwixxi prova ċara li ma nżammitx a proper look-out waqt is-sewqan – din hi awto inkolpazzjoni għaliex jekk seta’ (kif iċ-ċirkostanzi stradali juru li seta’) hu kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qiegħed attent kif kellu jkun jekk ried iżomm a proper look-out – Emanuel Żahra vs Patrick Vassallo, deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-ħmistax ta’ Ottubru tal-elfejn u tlieta (15/10/2003).

»Fil-fatt huwa paċifiku fil-ġurisprudenza illi jekk konvenut jgħid illi ma rax dak li raġonevolment kellu jara allura dan ifisser li ma kienx qiegħed iżomm a proper look-out.

»Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-esponenti saret referenza għal ammont ta’ ġurisprudenza li l-esponenti jagħmel pjena referenza għaliha. Jiċċita pero’ parti minn din il-ġurisprudenza li jemmen illi mid-dinamika tal-inċident u mill-fatti kif esposti quddiem din l-norabbli Qorti kellha ta’ bilfors twassal lil din l-onorabbli Qorti mhux biss illi tieqaf sal-fatt li tgħid li l-ħtija tal-inċident ma ġietx pruvata iżda, li fuq livell ta’ prova aktar minn bilanċ ta’ probabilitajiet, kien il-konvenut li jaħti għall-inċident. In sostenn issir riferenza għas-sentenza Il-Pulizija –vs-Francis Schembri, tas-sitta u għoxrin ta’ Ġunju tal-elf, disa’ mija u tmienja u sittin (26/06/1968):

»...

»Illi ġie ukoll ritenut li hu dover ta’ driver “to see what is in plain view” ... ... ... u li min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm “a proper lookout”... ... ...

»...

»L-inċident, unikament tort u ħtija tal-konvenut, meta dan biex jagħmel manuvra ta’ right-turn, qabad għamel din il-manuvra mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa għaliex kieku għamel hekk żgur li ma kienx ser jikkawża u jiġri dan l-inċident. U minn naħa l-oħra hu evidenti li l-attur kien qiegħed isuq biss wara l-vettura tal-konvenut għax kieku hemm id-dinamika tal-inċident kienet tkun differenti kif ukoll kieku żgur ix-xhud Lee Phillips, li kellu viżwali ċara u fil-fatt ra l-inċident iseħħ, kien ikun f’pożizzjoni li ċara u jikkonferma dan. Il-manuvra tal-

konvenut kienet waħda istantanja li lanqas biss tat ċans lill-attur li iżomm break u jwaqqaf il-vettura tiegħu. Kieku l-konvenut saq bil-mod il-mod għan-nofs tat-triq u wara li aċċerta ruħu li ma kienx jostakola xi traffiku beda' ħiereġ bil-mod żgur illi l-inċident ma kienx iseħħ. L-inċident seħħ unikament meta l-konvenuta qabad kiser l-steering fuq in-naħa tal-lemin tiegħu sabiex jerġa jdawwar u jmur fid-direzzjoni opposta.

»Għal aktar minn darba l-ewwel Qorti issemmi illi l-manuvra tal-konvenut kienet legalment konsentita. Dan mhux miċħud; l-konvenut ma kien ser ikun qed jikser l-ebda liġi jekk jagħmel right turn. Iżda qabel jagħmel din ried jieħu l-prekawzjonijiet kollha. B'mod relattivament pwerili l-ewwel Qorti tindika illi ġaladarba setgħa jagħmel din il-manuvra l-konvenut ma kellu l-ebda responsabbilita' x'jispalla għal l-inċident. L-esponenti min naħa l-oħra josserva illi anke l-fatt li seħħ l-inċident bil-mod kif seħħ juri illi l-konvenut ma żammx a proper look out.

»L-esponenti jemmen li in vista ta' dan kollu jeżistu biżżejjed raġunijiet sabiex din il-Qorti tvarja u tbiddel id-diskrezzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti stante illi fuq il-provi miġjuba quddiemha ma setgħet qatt raġonevolment tasal sad-deċiżjoni illi waslet.«

9. Il-konvenut wieġeb kif ġej għall-appell tal-atturi:

»Is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi kkonfermata għar-raġunijiet segwenti:

»1. Fir-rikors tal-appell tagħhom l-atturi appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti kienet żbaljata li kkonkludiet li l-attur ma rnexxilux jipprova it-talbiet attriċi sal-grad rikjest mil-liġi. L-atturi appellanti jkomplu billi jippruvaw jagħtu l-impressjoni li anke l-verżjonijiet mgħotija mill-partijiet huma komplimentari ma' xulxin. Barra minn hekk l-atturi appellanti jippruvaw ixejnu l-fatt li minkejja huwa minnu li l-attur kien sab l-vettura tal-appellat quddiem, dan kien kollu bi ħtija tal-appellanti li naqas milli jagħmel a 'proper look-out' qabel ħareġ mill-karreġjata tiegħu. Għaliex kieku kien għamel a 'proper look-out' qabel ma kienx jseħħ l-inċident. U dan huwa għalfejn l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għal dik il-konklużjoni, cioe' li l-konvenut (l-appellat) ma kienx responsabbli tal-inċident.

»2. Fir-rikors tal-appell, l-attur jkompli jġib l-argument li "Il-mod kif ġara l-inċident huwa ċar u qatt ma kien ekwivoku għal xi ħadd anzi dan ġie ben tajjeb deskritt minn xhud okulari li nzerta kien għaddej isuq fil-ħin tal-inċident. L-esponenti umilment jissottometti bir-rispett kollu illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel dak li kien dmir tagħha li tagħmel u abbażi tal-fatti quddiemha tasal min kien il-ħtija tal-inċident, jew almenu fliema grad, dan meta l-fatti tal-inċident kienu ċar."

»3. Illi mingħajr mal-esponenti ma jkomplu jidħol fil-mertu tal-aggravju nnifsu, tajjeb jiġi rilevat li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, fosthom fil-kawżi imsemmija aktar 'l isfel, ġie dejjem ritenut li hija l-

Ewwel Qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex tagħmel l-aħjar apprezzament tal-fatti u li konsegwentament, tali apprezzament tal-fatti m'għandux jiġi disturbat b'mod leġġer mill-Qorti tal-Appell. F'dan l-istadju ssir referenza għas-segwenti ġurisprudenza li lkoll jisħqu fuq dan il-punt:

»...

»...

»...

»Illi għalhekk, mill-ġurisprudenza ċitata jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-Qorti tal-Appell, sakemm ma jkunx hemm xi żball tant gravi li jimmerita li l-istess Qorti tal-Appell terġa' tagħmel apprezzament komplet tal-fatti tal-każ, m'għandhiex tiddisturba d-deċiżjoni dwar l-apprezzament tal-fatti miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk, abbażi tal-istess ġurisprudenza, dan l-aggravju, fl-umli opinjoni tal-esponenti għandu jiġi miċħud għaliex ma sar l-ebda żball li jimmerita r-ri-apprezzament tal-fatti.

»4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti bħala punt ta' referenza, jirreferi għan-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fejn huwa jagħmel pjena referenza għal ġurisprudenza b'fatti simili għal każ odjern. Li meta kienet affaċjata f'fatti simili (anzi fil-każ odjern l-esponenti kien qiegħed f'sitwazzjoni ferm u ferm aħjar) iddeċidiet l-każ bħal l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-każ odjern. Għalhekk l-esponenti għal fini ta' riferenza segwentament se jirreferi għal-siltiet min-nota tiegħu:

»...

»...

»...

»Illi l-esponent Ronald Parnis bir-rispett jissottometti illi kif diġa' ġie stabilit fil-proċeduri tal-każ odjern, da parti tiegħu huwa ħa kull prekawzjoni meħtieġa, inkluż li jixgħel l-indicator fil-ħin biex jagħti preavviż lis-sewwieqa l-oħra. Kif ukoll li l-indicator tal-vettura tal-esponenti kien jaħdem anke wara l-inċident hekk kif stqarr l-espert Joseph Żammit fir-relazzjoni tiegħu bħala parti mill-kawża Kriminali li hemm pendenti kontra l-esponenti.

»Illi barra minn hekk, kif anke irriżulta mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri huwa għal kuntrarju tal-fatti kif dedotti fis-sentenza fl-ismijiet 'Nutar Dr. Joseph Debono vs. Theresa Vella' huwa mhux talli kien qabeż il-'crown of the road' imma ir-rota ta' quddiem tan-naħa tax-xufier kienet ġa qiegħda fis-'side street' li l-esponenti kien dieħel fiha. Dan joħroġ ċar mill-inkjesta li saret mill-Maġistrat Inkwirenti bħala parti mill-Proċeduri Kriminali li hemm kontra l-esponenti u li l-kopja tagħha qiegħda wkoll fil-proċess ta' din il-kawża. Tenut kont ta' dan l-esponenti meta mqabbel mal-każ ta' Debono vs. Vella, huwa qiegħed f'sitwazzjoni ferm aħjar meta mqabbel mal-konvenuta Vella f'dak il-każ."

»5. Illi tenut kont tal-ġurisprudenza simili għal dak tal-każ odjern l-esponenti jissottometti lil Qorti tal-Appell li l-apprezzament tal-provi magħmul minn Qorti ta' l-ewwel grad ma għandux jiġi disturbat minn din l-Qorti tal-Appell għaliex ma hemm l-ebda raġuni li tiġġustifika dan, minkejja l-aggravji frivoli u vessatorji li qajjem l-atturi appellanti fir-rikors tal-appell.

»6. L-atturi fir-rikors tal-appell tagħhom jqajjmu l-aggravju li l-esponenti ma ħarisx l-prinċipji bażiċi tas-sewqa u li ma għamilx "a proper look-out" qabel ma għamel l-manuvra sabiex jikser fuq l-lemin, madankollu dan l-aggravju tal-appellanti ma tirriflettix adekwatament l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipji skont il-ġurisprudenza għall-fattispeċji tal-każ in eżami.

»7. Illi mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet suesposti, tali asserzjoni da parti tal-appellanti hija infondata għall-aħħar billi jiġi sottomess illi:

»a. Fl-ewwel lok, illi b'referenza għal dak li ddikjarat l-Prim'Awla fil-kawża fl-ismijiet "Primrose General Trading Limited vs Agius", li kwalunkwe sewwieq għandu jżomm f'moħħu s-segwenti erba' prinċipji bażiċi meta jsuq vettura:

»"(a) Rispett lejn is-sinjali tat-triq; (b) Li jżomm a proper look out qabel ma jagħmel manuvra li tista' tiddisturba t-traffiku; (c) Li jagħti sinjali adegwati u suffiċjenti ta' l-intenzjoni tiegħu; (d) Li jżomm distanza adegwata mill-vettura ta' quddiemu biex ikun jista' jieħu kull miżura skond il-każ."

»Tenut kont ta' dan, l-esponenti bir-rispett jissottometti li fil-każ mertu ta' din il-kawża huwa ssodisfa dawn l-erba' il-prinċipji bażiċi, hekk kif inhu ikkonfermat mill-inkjesta li saret bħala parti mill-proċeduri Kriminali li nfetħu kontra l-esponenti li ġew esebiti f'dawn il-proċeduri Ċivili u anke mix-xhieda u provi prodotti. B'hekk l-esponenti ma għandux jinżamm responsabbli tal-inattenzjoni, negliġenza u tort tal-attur appellanti. U b'referenza għas-sottomissjonijiet suesposti l-atturi appellant naqsu kemm quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u anke fir-rikors ta' Appell milli jippruvaw kif l-esponenti naqas jew li ma segwiex dawn l-erba' prinċipji bażiċi dakinhar tal-inċident akkadut.

»b. Fit-tieni lok, jiġi rilevat illi huwa risapunt li kull utilista tat-triq huwa tenut illi jżomm a proper look-out għall-utilisti oħra tat-triq.

»Dan il-kunċett ġie ... addottat mill-Qrati Ingliżi fil-kawżi fl-ismijiet "Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd" u eventwalment anke mħaddan mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet "George Scicluna et vs Victor Cini" fejn ġie ritenut:

»"bi vjolazzjoni ċara tar-Regola fondamentali li tiggverna s-sewqan, dik cioe' illi min isuq kellu jkun f'kull ħin konxju ta' dak li kien qed jiġri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'posizzjoni li tempestivament jirreaġixxi għal kull eventwalita'."

»Illi huwa minnu li l-prinċipju tal-'proper look out' huwa ferm aktar milli sewwieq jrid jkun qiegħed iħares il' quddiem jew li jkollu viżwali ċara

iżda s-sewwieq irid ikollu "an awareness of his immediate vicinity" u cioe' li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċement iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod... ... ...

»Madanakollu għal kuntrarju ta' dak li qiegħed jallega l-atturi appellanti, fl-ebda mument tal-kawża ma ġie pruvat mill-attur appellant li l-esponenti ma għamilx "a proper look-out."

»B'kull dovut rispett lejn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jissottomettu li l-atturi appellanti jikwotaw ġurisprudenza li tikkontradixxi dak li qed jippruvaw jallegaw. Tant li l-ġurisprudenza ċitata mill-atturi tikkonferma li qiegħed jgħid l-esponenti kemm fix-xhieda tiegħu u anke mill-ġurisprudenza supra ċitata.

»8. Għaldaqstant u in konklużjoni, l-appellat umilment jissottometti illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li Ronald Parnis ma kienx responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li fih l-attur sfortunatament sofra debilita' permanenti.

»9. Għaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jirriżerva illi jressaq dawk il-provi permessi mill-liġi f'dan l-istadju tal-proċeduri, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrespinġi l-appell tal-attur appellant u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-3 ta' Ottubru u dana bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu kontra l-istess attur appellant.«

10. Wara li fliet l-atti kollha proċesswali din il-qorti hija tal-fehma illi jeżistu raġunijiet serji sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti.

11. Għalkemm kemm il-konvenut kif ukoll il-passiġġier li kien miegħu dakinhar tal-inċident – is-Sur Noel Tabone - xehedu li l-konvenut kien għamel l-*indicator* biex jindika lix-xufiera ta' warajh li kien se jikser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu għal ġol-*parking area* li tinsab faċċata tal-*Gozo Stadium*, u għalkemm dawn xehedu wkoll li l-konvenut kien xegħel l-istess *indicator* meta l-vettura *pick-up* tiegħu kienet quddiem l-entratura tal-*Gozo Stadium* – u għalhekk meta kienu qegħdin madwar mitt metru 'l bogħod mill-post fejn xtaq idawwar il-konvenut [1] – l-uniku x-xhud indipendenti li nzerta kien qed

[1] Ara *foll.* 35, 111, 112, 147, 155, 172 tal-proċess. Ara wkoll *foll.* 38, 40, 44, 49, 95, 98, 99, 100, 108, 111 tal-proċess.

isuq il-vettura tiegħu ftit vetturi wara dik tal-konvenut dakinhar tal-inċident - Lee Phillips [2] - la kkonferma li kien ra l-*indicator* hawn fuq imsemmi u lanqas ma kkonferma li l-konvenut beda jnaqqas il-veloċita' tal-vettura *pick-up* tiegħu x'ħin wasal ħdejn l-entratura tal-*Gozo Stadium* kif allega l-istess konvenut.

12. Anzi, fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-31 ta' Awwissu 2013 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħala Qorti Istruttorja, fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) *v.* Ronald Parnis</u>, dan ix-xhud indipendenti kkonferma bil-ġurament illi "*fid-daqqa u l-ħin*" ra l-vettura *pick-up* tal-konvenut tikser fuq in-naħa tal-lemin lejn id-daħla mal-ġenb tat-triq. Hu qal hekk:

> »Ok, right, I was driving towards the port in a line of traffic, there were maybe four or five (4-5) vehicles, cars, in front of me, the traffic was driving along at a steady speed, perhaps thirty, forty kilometres an hour (30-40 kms/h). <u>All of a sudden</u> I saw a truck make a turn towards the right towards a layby and then I saw a motor cycle hit the side of the truck. He obviously lost control and then veered off and then I lost sight of him, obviously went into the wall, hit into the wall.« [3] [sottolinear ta' din il-Qorti]

13. Din ix-xhieda ta' Lee Phillips għalhekk tqajjem dubji serji f'għajnejn din il-qorti, mhux biss dwar jekk il-konvenut fil-fatt naqqasx il-veloċita' tal-vettura *pick-up* tiegħu "*kważi kważi għal kollox*" qabel ma dar fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, [4] u dwar jekk il-konvenut għamilx l-*indicator* qabel ma kiser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu iżda wkoll dwar jekk l-istess konvenut ħarisx fil-mera tan-naħa tal-lemin tiegħu qabel ma kiser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, u għalhekk dwar

[2] Dan ix-xhud indipendenti kien madwar erba' jew ħames vetturi wara l-vettura *pick-up* tal-konvenut.
[3] Ara fol 94 tal-proċess.
[4] Ara fol 147 tal-proċess.

jekk l-istess konvenut żammx "*a proper look-out*" qabel ma kiser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. Dan ix-xhud indipendenti donnu jimplika li l-manuvra li għamel il-konvenut appellat kienet waħda "*istantanja*" u li taħsdek kif fil-fatt jallegaw l-atturi appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom.

14. Din il-qorti għandha dubji serji dwar jekk il-konvenut fil-verita' ħarisx fil-mera tal-ġenb tan-naħa tal-lemin tal-vettura *pick-up* tiegħu wkoll minħabba x-xhieda li tah l-istess konvenut appellat in kontro-eżami fl-1 ta' Diċembru 2016. Għalkemm fl-affidavit tiegħu u fil-bidu ta' din is-seduta quddiem l-ewwel qorti l-konvenut isemmi li qabel ma seħħ l-inċident huwa ħares mhux biss fid-direzzjoni lejn l-Imġarr iżda wkoll ħares fil-mera tal-ġenb fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura *pick-up* tiegħu - u dan biex jara jekk kienux ġejjin vetturi min-naħa l-opposta (mid-direzzjoni tal-Imġarr) kif ukoll minn warajh [5] – fl-istess seduta jikkontradixxi lilu nnifsu għaliex jgħid li ma ħarisx warajh qabel ma kiser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. F'din ix-xhieda l-istess konvenut ma jidhirx li huwa kompletament konvint li hu fil-fatt ħares fil-mera tal-ġenb tal-vettura *pick-up* tiegħu qabel ma kiser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu.

15. Fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti fl-1 ta' Diċembru 2016 il-konvenut jgħid hekk:

> »**<u>L-Avukat Dr. Kevin Mompalao</u>**:
>
> »... Tikkonferma li qal illi apparti l-mutur li kien warajh, kien hemm xi tlieta (3) jew erba' (4) vetturi oħra inkluż tiegħu?

[5] Ara *foll.* 147, 148, 175, 177, 178, 179, 180, 183 tal-proċess.

»**Ix-Xhud:**

»Iva, nikkonferma.

»**L-Avukat Dr. Kevin Mompalao**:

»Pero into dawn ma rajthomx, hux hekk?

»**Ix-Xhud**:

»Kont naf li hemm il-karozzi warajja.

»**L-Avukat Dr Kevin Mompalao**:

»E, kont taf, mela kif fl-affidavit għidtilna ħarist, issa għidtilna mill-mera tal-ġenb, u ma rajtx vetturi warajk?

»**Ix-Xhud**:

»Vetturi...

»**L-Avukat Dr Joshua Grech**:

»Mill-faċċata qal.

»**L-Avukat Dr. Kevin Mompalao**:

»Le, anki minn wara, Dottore.

»**Il-Qorti**:

»Ħa jirrispondi!

»**Ix-Xhud**:

»Le.

»**Il-Qorti**:

»Fejn ma rajtx vetturi?

»**Ix-Xhud**:

»Ma rajtx vetturi fuq in-naħa...

»**Il-Qorti**

»L-opposta

»**Ix-Xhud**:

»L-opposta.

»**L-Avukat Dr. Kevin Mompalao**:

»Pero, jiena saqqsejtek anki llum stess, u għidt li vetturi warajja ma ratx u għidtlek mnejn ħarist? U għidtli mill-mera tal-ġenb, illum stess irrispondejtni hekk. U fl-affidavit tiegħek, għidt ukoll: ħarist mill-mera tan-naħa tiegħi biex nara kienx hemm vetturi li kienu warajja, iżda ma rajt lil ħadd u għalhekk jien bdejt ftit ftit nikser lejn id-direzzjoni tal-parking. Dan x'għidt inti fl-affidavit.

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Ma rajt lil ħadd imma fl-opposta.

»**<u>Il-Qorti</u>**:

»Imma biex tħares fl-opposta, ma tridx tħares fil-mera. Mela għalfejn għidtilna ħarist fil-mera? Dr. Mompalao, stenna. Għalfejn għidtilna li ħarist fil-mera?

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Jekk kont ser nikser! Jekk jien kont ser nikser fuq dak il-ġenb!

»**<u>Il-Qorti</u>**:

»Mela, faċċata tiegħek, ma rajtx karozzi ġejjin?

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Faċċata tiegħi ma rajt lil ħadd.

»**<u>Il-Qorti</u>**:

»Mela fi x'ħin ħarist fil-mera għax kont ser tikser, rajt karozzi warajk?

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»<u>Ma rajtx minn hemmhekk.</u>

»**<u>Il-Qorti</u>**:

»Minn naħa tal-lemin ma rajtx.

»**<u>L-Avukat Dr. Kevin Mompalao</u>**:

»Allura inti, ara hux qed nifhmek sewwa, warajk ma ħaristx biex tara hux ġejin karozzi jew le?

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Imma jien, jekk kienx ġej fuq in-naħa l-oħra. <u>Jekk kien hux warajja eżatt, l-anqas</u>...

»**<u>L-Avukat Dr. Kevin Mompalao</u>**:

»Weġibni d-domanda. Jiġifieri int ma tajtx kas x'kien ġej warajk? Li rajt min kien ġej fil-faċċata fejn kont ser taqsam.

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Fejn kont ser naqsam iva, imma rajt jekk minn wara hux ġej xi ħadd.

»**<u>L-Avukat Dr. Kevin Mompalao</u>**:

»Rajt.

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Fuq id-direzzjoni l-oħra. Jekk hux ħiereġ biex jaqla' xi ħadd.

»**<u>Il-Qorti</u>**:

»Xi ħadd hux qed jaqla lilek?

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Il-bqija, jekk tara karozza warajk...

»**<u>L-Avukat Dr Kevin Mompalao</u>**:

»Ma kienx hemm. Issa, jekk kienx hemm karozzi warajk, iċċekkjajt? Iva jew le, sempliċi. Issa mhux qed ngħidlek qed jaqla jew mill-faċċata, karozzi jew vetturi għaddejjin warajk.

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Ma nistax ngħidlek jekk, għax rajt, imma...

»**<u>L-Avukat Dr. Kevin Mompalao</u>**:

»Rajt jew ma rajtx?

»**<u>Il-Qorti</u>**:

»Deherlek li għandek tara?

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Iva, dehrli li għandi nara, rajt minn ġol-mera, jekk hux xi ħadd qed jaqla...

»**<u>Il-Qorti</u>**:

»Biex tara jekk hux qed jaqbeż xi ħadd.

»**<u>Ix-Xhud</u>**:

»Karozzi warajja kien hemm, kien hemm.

»**<u>Il-Qorti</u>**:

»Kien hemm warajk.

»**<u>L-Avukat Dr. Kevin Mompalao</u>**:

»U inti fejn innotajt illi kien hemm? Ħarist fil-mera tiegħek, jew fil-mera tan-nofs jew x'imkien?

»**Ix-Xhud**:

»F'tiegħi, fil-mera tiegħi.

»**L-Avukat Dr. Kevin Mompalao**:

»Ħarist fil-mera tiegħek u rajt karozzi ġejjin warajk qed tgħidilna?

»**Ix-Xhud**:

»Kien hemm karozzi ġejjin warajja.

»**L-Avukat Dr. Kevin Mompalao**:

»Il-mutur rajthu ġej warajk?

»**Ix-Xhud**:

»Le ma rajthux.

»**L-Avukat Dr. Kevin Mompalao**:

»Jaqla l-anqas rajthu?

»**Ix-Xhud**:

»Le.« [6] [sottolinear ta' din il-Qorti]

16. Fid-dawl tas-suespost, din il-qorti hija tal-fehma li fuq bażi ta' probabilita', l-konvenut dar fuq in-naħa tal-lemin tiegħu għal ġol-*parking area* ta' faċċata tal-*Gozo Stadium* f'daqqa u li ma ħax il-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni ma jseħħx. Il-konvenut probabbilment ma ħarisx fil-mera tal-ġenb tal-vettura *pick-up* tiegħu qabel ma kiser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu u lanqas m'għamel użu mill-*indicator* biex juri lis-sewwieqa li kienu qegħdin warajh li kien ser jikser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. Wisq inqas ma naqqas il-veloċita' tal-vettura tiegħu qabel ma kiser fuq in-naħa tal-lemin tiegħu.

[6] Ara *foll.* 176 sa 180 tal-proċess.

17. Għalkemm, kif ingħad aktar 'l fuq, il-konvenut ma żammx "*a proper look-out*" u għamel manuvra "*istantanja*" u għalhekk huwa parzjalment responsabbli għall-inċident li fih korra l-attur, fil-fehma ta' din il-qorti l-konvenut m'huwiex unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-proċeduri odjerni. L-attur għandu wkoll jerfa' parti mir-responsabbilta' għal dan l-inċident li fih sofra l-attur u dan prinċipalment peress li l-provi prodotti jirriflettu b'mod ċar illi l-mutur tal-attur appellant ma kien jidher imkien qabel ma seħħ l-inċident. Ix-xhud indipendenti Lee Phillips fil-fatt qal li l-ewwel darba li ra l-mutur tal-attur kien meta seħħ l-inċident. Fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħala Qorti Istruttorja, fil-31 ta' Awwissu 2013 dan ix-xhud qal hekk:

> »**<u>Advocate Dr. Joshua Grech</u>**:
>
> »And where between these four or five vehicles was the position of the motorcycle?
>
> »**<u>The witness</u>**:
>
> »I don't know. The first time I saw the motorcycle was when he actually hit the truck. But either position, I don't know.« [7]

18. Peress li l-mutur tal-attur ma kien jidher imkien qabel ma seħħ l-inċident – u għalhekk probabbilment dan kien qed isuq il-mutur tiegħu b'veloċita' eċċessiva qabel ma seħħ l-inċident [8] – u peress ukoll li l-istess attur kien imissu hu wkoll ħa l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni ma jseħħx, [9]

---

[7] Ara fol. 95 tal-proċess.

[8] Is-surveyor Tarcisio Mercieca fil-fatt ikkonferma li l-mutur tal-attur kien "*donnu ta' nhar ta' Ħadd, tal-weekend*" u li ma kienx fih ħafna mili (kien fih biss 3444 mili għalkemm kien inxtara mill-attur fis-sena 2008). Ara *foll.* 81, 120 tal-proċess.

[9] Il-mutur tal-attur kien jinsab wara l-vettura *pick-up* tal-konvenut. L-attur għalhekk kellu viżwali tajba ħafna tat-triq u bħala persuna li kellu viżwali tajba, li ried jittenta manuvra ta' *overtaking*,

din il-qorti hija tal-fehma illi l-attur għandu jerfa' n-nofs l-ieħor tar-responsabbilta' għall-inċident li seħħ fil-31 ta' Awwissu 2013.

19. Ngħaddu issa għall-*quantum* ta' kumpens dovut lill-atturi bħala konsegwenza tal-inċident hawn fuq imsemmi.

20. Bħala *damnum emergens* l-atturi qed jitolbu:

    a. Il-valur tal-mutur tal-attur tal-marka *Triumph Bonneville*, bin-numru ta' reġistrazzjoni MJP 900: Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar illi dan il-mutur ġie *total loss* bħala konsegwenza tal-inċident tal-31 ta' Awwissu 2013. [10] Mis-*survey* li għamel is-Sur Tarcisio Mercieca fis-16 ta' Jannar 2014 jirriżulta wkoll li l-mutur tal-attur kellu valur ta' €5,800 fiż-żmien meta seħħ l-inċident; [11]

    b. Il-prezz tal-mediċini li l-attur kellu jixtri: dwar dawn ma tressqu l-ebda provi;

    c. Il-prezz li l-attur kellu jħallas lis-Sur Max Xuereb għar-ritratti – li ġew eżebiti a fol 34 tal-proċess - li ttieħdu minnu fil-ġurnata li seħħ l-inċident: Għalkemm l-irċevuta tiegħu qatt ma ġiet eżebita fl-atti tal-proċess, is-Sur Max Xuereb ikkonferma bil-ġurament li tħallas l-ammont ta' mija u tmien ewro (€108) għal dawn ir-ritratti. [12]

kellu obbligu qawwi li ma jespletax tali manuvra qabel ma jkun ċert li jista' jespletaha liberament.

[10] Ara *foll.* 80, 83, 84 tal-proċess.

[11] Ara fol 84 tal-proċess.

[12] Ara fol 33 tal-proċess.

21. B'kollox għalhekk għandhom jitħallsu **<u>elfejn disa mija u erba' u ħamsin ewro (€2,954) lill-atturi bħala *damnum emergens*</u>**. [13]

22. Ngħaddu issa għall-ammont ta' kumpens dovut lill-atturi bħala *lucrum cessans*. Din il-qorti hija tal-fehma illi għandha tikkunsidra s-segwenti fatturi qabel ma tasal għal dan l-ammont:

    a. L-attur kellu <u>ħamsa u ħamsin (55) sena</u> meta seħħ l-inċident; [14]

    b. Tenut kont tal-età tal-attur meta seħħ l-inċident u tal-*working life expectancy* [15] għandu jiġi addottat <u>multiplier ta' għaxar (10) snin</u>;

    c. Fir-rapport tagħhom tad-9 ta' Marzu 2017 il-periti perizjuri – Mr. C. Sciberras, Mr. Thomas Azzopardi u Mr. Ivan Esposito – ikkonfermaw bil-ġurament illi l-persentaġġ ta' diżabilita' li minnha beda jsofri l-attur kawża tal-inċident tal-31 ta' Awwissu 2013 huwa dak ta' <u>tletin fil-mija (30%)</u>. Għalkemm tressqu żewġ rapporti mediċi oħra – wieħed tat-tabib tal-attur Massimo Abela [16] u l-ieħor tal-perit tekniku mqabbad mill-ewwel qorti l-konsulent Mr. Raymond Gatt [17] - din il-qorti hija tal-fehma illi l-periti perizjuri hawn fuq imsemmijin kienu f'posizzjoni aħjar minn dik li kien jinsab fiha l-ewwel perit tekniku biex jeżaminaw lill-attur peress li laħaq għadda aktar żmien meta ddireġew ir-

---

[13] L-ammont globali ta' *damnum emergens* huwa dak ta' ħamest elef disa mija u tmien ewro (€5,908). Madanakollu peress li l-konvenut huwa biss parzjalment responsabbli għall-inċident mertu tal-proċeduri odjerni huwa biss nofs dan l-ammont li għandu jitħallas lill-atturi.

[14] Ara fol 10 tal-proċess.

[15] L-eta' pensjonabbli hija dik ta' ħamsa u sittin sena (65).

[16] Ara *foll.* 14 sa 17 tal-proċess.

[17] Ara *foll.* 139 sa 142 tal-proċess.

rapport mediku tagħhom [18] u għalhekk setgħu jaraw aħjar l-effetti li l-inċident ħalla fuq l-attur. Minbarra dan, din il-qorti hija wkoll tal-fehma illi dan il-persentaġġ ta' diżabilita' – dak ta' tletin fil-mija (30%) - jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni preżenti tal-attur u l-mod ta' kif l-inċident tal-31 ta' Awwissu 2013 affettwa l-kapaċita' lavorattiva tiegħu. Qed jingħad hekk minħabba dak li ġie kkonfermat mill-istess periti perizjuri fir-rapport tagħhom, senjatament li:

»1. Portelli rrid iserraħ biex iqum minn bil-qiegħda.

»2. Ma' jistax jinżel kokka.

»3. Ibagħti biex jitla u jinżel it-taraġ. Ukoll meta jiġi għat-telgħa.

»4. Ma' jistax jimxi fit-tul u juża' karozza waħda.

»5. Jitlef il-bilanċ għax teħel is-siq tax-xellug.

»6. Ma jistax idawwar għonqu.

»7. Waqaf jaħdem fl-għalqa għax ibati biex jimxi fuq il-ħamrija.

»8. Jieħu Voltaren regolari minħabba l-uġigħ.

»9. Jeħtieġ għajnuna, fuq ix-xogħol mill-kollegi tiegħu.

»10. Kellu jixtri karozza awtomatika għax ma' jistax jagħfas il-clutch.

»11. Ikollu jilbes trainers bħala żraben.

»12. Minħabba l-għejja jkollu jmur jorqod kmieni.

»13. Għalkemm iħoss il-bżonn qatt ma' kkonsulta psikjatra.

»14. Meta jimxi jzappap għax riġlejħ tal-lemin hi aqsar minn tax-xellug.

»15. Uġigħ fin-naħa ta' barra tal-koxxa tal-lemin, speċjalment meta jdur fuqha.

---

[18] Ir-rapport tal-perit tekniku l-konsulent Mr. Raymond Gatt sar fit-18 ta' April 2016 (ara *foll.* 139 sa 142 tal-proċess). Ir-rapport tal-periti perizjuri sar fid-9 ta' Marzu 2017 (ara *foll.* 197 sa 204 tal-proċess).

»16. Uġigħ fil-parti ta' ġewwa ta' l-irkoppa tal-lemin waqt il-mixi, l-aktar fit-taraġ u kokka u għall-kobbtejh.

»17. Uġigħ fl-għaksa tal-lemin speċjalment meta jinxi ħafi.

»18. Limitat fit-tul ta' distanza li jista' jimxi minħabba uġigħ li jwaqqfu.« [19]

Il-fatt li t-tliet periti perizjuri u it-tabib tal-attur Mr. Massimo Abela wasslu għal persentaġġ ta' diżabilita' qrib ħafna ta' xulxin – il-periti perizjuri wasslu għal persentaġġ ta' diżabilita' ta' 30% filwaqt li t-tabib tal-attur Mr. Massimo Abela wasal għal persentaġġ ta' diżabilita' ta' 25% - huwa wkoll indikattiv, għal din il-qorti, li l-persentaġġ ta' diżabilita' li wasslu għaliha l-periti perizjuri aktar jirrifletti l-mod ta' kif il-limitazzjonijiet li beda jsofri minnhom l-attur bħala konsegwenza tal-inċident mertu tal-proċeduri odjerni affettwaw il-kapaċita' lavorattiva tiegħu.

---

[19] Ara *foll.* 199, 200 tal-proċess. Ħafna minn dawn il-limitazzjonijiet ġew ukoll ikkonfermati mill-perit tekniku l-konsulent Raymond Gatt fir-relazzjoni tiegħu a *foll.* 139 sa 142 tal-proċess. Fir-rapport tiegħu l-perit tekniku l-konsulent Raymond Gatt qal hekk:
"*Mr. Portelli's main problems include the following:*
*He still finds himself weak and has to use both his arms to lift himself from a chair or sofa when he is sitting down.*
*He also complains of pain and stiffness around the left foot and ankle especially on walking. The pain is centred on the main ankle and the bottom half of the left leg. He is still using a crutch on the right side and after 4 minutes of walking he has to stop to rest. He finds that the left ankle swells up during the night. Mobility is still slow and he finds negotiating stairs difficult. He also gets episodic pain at night and complains of increased stiffness especially after rest. He takes intermittent doses of anti-inflammatory tablets together with analgesics. He feels taht when he is walking, it is the left ankle that starts to get symptomatic. He also finds it difficult to walk up and down slopes. Sometimes when he is walking he finds himself unbalanced.*
*He complains of a stiff neck and has to turn completely around to see behind him.*
*He has found that he cannot continue to tend to his fields as he did before the accident. He can drive a car but has to press the clutch with his heel.*
*He cannot climb ladders, cannot crouch and / or kneel.*
*He admitted of no problems with either lower limb, prior to the accident.*
*...*
*...*
*...*
*... His residual current symptomatology mainly relates to his left ankle with a major element of loss of movement of the joint, as well as some stiffness over the left subtalar joint. There is also some residual symptomatology of the right knee as well.*
*... ... Evidence-based literature also suggests a higher incidence of degenerative problems of the associated joints.*"

d. Is-salarju *gross* tal-attur fis-sena 2010 kien jammonta għal €13,755.46, fis-sena 2011 kien jammonta għal €13,888,10, fis-sena 2012 kien jammonta għal €14,388.34, fis-sena 2013 kien jammonta għal €13,925.92, fis-sena 2014 kien jammonta għal €14,227.46 u fis-sena 2015 kien jammonta għal €15,532.02.[20] Id-dħul medju tal-attur għal dawn is-snin kien ta' *ċirca* €14,286 fis-sena. Wara li rat iż-żidiet li ngħataw għall-għoli tal-ħajja matul dawn l-aħħar snin partikolarment mill-inċident in kwistjoni 'il quddiem ser iżżid is-somma biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*. B'hekk il-qliegħ annwali tal-attur ser jiġi kalkulat fuq is-somma ta' €17,000.

e. Għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minħabba li l-ħlas ser isir f'daqqa (*lump sum payment*) din il-qorti tosserva li l-kawża nfetħet madwar sena wara li seħħ l-inċident (f'Settembru tas-sena 2014) u s-sentenza qed tingħata ċirca seba' snin wara li ġew intavolati dawn il-proċeduri. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti tqis li t-tnaqqis għandu jkun ta' 8%.

23. Fid-dawl tas-suespost, l-ammont ta' kumpens li ser jitħallas lill-atturi bħala *lucrum cessans* ser jiġi kkalkulat kif ġej:

€17,000 x 30% x 10 = €51,000

[20] Ara d-dokumenti li jinsabu a fol 125 tal-proċess.

It-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* huwa dak ta' €4,080 [21]

€51,000 - €4,080 = €46,920 / 2 = **<u>€23,460 b'kollox bħala *lucrum cessans*</u>**.

24. B'kollox għalhekk il-konvenut għandu jħallas kumpens fl-ammont globali ta' **<u>€26,414</u>** lill-atturi bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

25. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet mogħtija, din il-qorti tilqa' l-appell tal-atturi, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti tat-3 ta' Ottubru 2017 u minflok tiddikjara illi l-atturi u l-konvenut huma ugwalment responsabbli għall-inċident li seħħ fil-31 ta' Awwissu 2013 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas kumpens fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf erba' mija u erbatax-il ewro (€26,414) lill-atturi bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

26. L-ispejjeż, kemm ta' dan l-appell kif ukoll tal-ewwel istanza, jinqasmu bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

[21] 8% ta' €51,000 = €4,080.